MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 603/2002

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Lawrence Cilia

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 845746M, akkuzat:

- talli fis-sena 1999 u fil-perjodu ta’ wara f’dawn il-Gzejjer approprja ruhu, billi dawar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra, s-somma ta’ Lm7866 ghad-dannu ta’ Michael McNamara u persuni ohra, liema somma kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat,

liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, kariga, jew servizz tieghu – bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba li tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-akkuza titratta l-approprjazzjoni indebita u l-fatti fil-qosor huma kif ser jinghad: fit-26 ta' Mejju 1999 l-imputat intrabat u obbliga ruhhu li jesegwixxi xoghol ghas-socjeta' Forecast Limited (rappresentata mill-kwerelant Michael McNamara) f'appartament gewwa 'Busietta Gardens' sit il-Madliena, konsistenti l-istess xoghol f'xoghol ta' elettriku, plumbing, bibien, aluminium, art tac-ceramika,, 'scerting' u tikhil, kif spjegat fil-kuntratt relattiv esebit folio 29. Ghax-xoghol gie miftiehem prezz ta' ghaxar t'elef Lira Maltin (Lm10000) li minnhom il-kwerelant kien hallas tlett t'elef bhala depositu fuq il-kuntratt. L-imputat ma jinnegax anzi jammetti li kien ircieva pagamenti akkont tul l-esekuzzjoni tax-xoghol, b'kollox fl-ammont ta' Lm6886. Voldieri b'kollox l-imputat thallas Lm9886. Il-kwerelant isemmi li hallas ammont anqas pero' fil-kuntest tal-akkuza dan mhu ta' ebda rilevanza. L-imputat jghid illi minhabba cirkostanzi varji, barra mill-kontroll tieghu, fosthom li kien ghamel zmien mhedded minn terz, xogholu gie ostakolat u kien impedut li jahdem. Bhala fatt mhux negat mill-imputat li x-xoghol li kellu jaghmel fil-fatt ma lestihx kollu. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jirrikonoxxi li mill-ammont li irceva hu ghandu jrodd lura lill-kwerelant somma li taggira ghal circa Lm4000 (rappresentanti ammont mhux kopert b'xoghol). Il-kwerelant jippretendi somma akbar. Izda hu x'inhu l-ammont li ghandu jigi restitwit id-domanda li ghandha tigi risolta, fl-ambitu tal-kawza, hi jekk: fin-nuqqas ta'

restituzzjoni tal-ammont li l-imputat jirrikonoxxi li hu dovut tikkonfigurax l-approprjazzjoni indebita u fl-liema waqt jikkonfigura d-'dolo', element essenzjali tar-reat?

Intant, kif jghallem l-Antolisei (Commento al Codice Penale Italiano, vol. iv, pag 100 et seq), - l-approprjazzjoni indebita "non si perfeziona e non si consuma se non colla reale conversione della cosa d'altri in uso proprio, a beneficio di se' stesso, o di un terzo".

Fil-kaz in disamina jirrizulta wisq car li l-kwerelant volutament zvesta ruhu mill-pussess tal-flus li ghaddihom lill-imputat bl-intendiment li jigi esegwit u kkompletat ix-xoghol patwit li, ammess mill-imputat, ma giex finalizzat b'hekk li baqghu f'idejh flus eccedenti x-xoghol effettivament mahdum.

Mill-kwadru tal-fatti esposti l-approprjazzjoni indebita avverrat fil-mument li l-imputat zamm il-bilanc tal-flus li ma kienux koperti b'xoghol skond l-appalt. Hawnhekk gie kunsmat id-'dolo' inerenti fir-reat in disamina stante wkoll il-fatt li l-istess ma kienx ser jigi ikkompletat, kif jistqarr l-istess imputat - "Il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro" (op citat pag.105). L-imputat hawnhekk naqas li jrrestitwixxi l-flus li kien konsapevoli li ma kienux dovuti lilu lanqas taht xi titolu li kien qieghed jippretendi, il-lucru hu sottintis.

Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi, li ssib l-imputat hati tar-reat ta' approprjazzjoni indebita dedott kontra tieghu. Rat l-Artikolu 293, 294 tal-Kap 9. Tikkundanna sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tordna li jibqghu sospizi ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv taghha. Rat wkoll l-Artikolu 28H tal-Kap 9 u tordna lill-imputat li jhallas lill-kwerelant is-somma ta' tlett t'elef Ewro fi zmien sitt xhur li qed jigu iffissati 'arbitro boni viri' sabiex jikkompensa d-danni migjuba mill-kwerelant, dan bla pregudizzju ghal kull azzjoni spettanti lilu.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza ai terminu tal-Artikolu 28A(4) u 28H(7) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------